**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur:- Avukat Dott. Katja Psaila Savona, LL.M (Lond.) LL.D.**

Seduta tas-23 ta' Gunju, 2015

Kawza numru: 19

Avviz numru: 556/2014KPS

**Regency Estates Limited**

**(C237)**

**vs**

**Daswani Limited (C17097) u Harish B. Daswani (ID 484875M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 13 t'Awwissu, 2014 fejn is-Socjeta' attrici premittiet:

Illi t-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u tnejn u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,772.68c), rapprezentanti arretrati ta' porterage u dawl u ilma relattiv ghal-fond ufficcju fir-raba' sular tar-Regency House, 249/254, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-avviz;

Ra r-risposta datata 6 t'Ottubru, 2014 fejn is-Socjeta' konvenuta ppremettiet:

Illi l-konvenuti qeghdin jirrispingu bis-sahha kollha kwalsiasi pretensjoni vantata fil-konfront taghhom mis-Socjeta' attrici stante illi:-

1. Preliminarjament, mhumiex il-legittimi kontraditturi;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, izda wkoll in linea preliminari, l-ammonti mitluba huma preskritti;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu l-ebda ammont pretiz mis-Socjeta' attrici mhu dovut fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez ghas-Socjeta' attrici.

Ra l-avviz;

Ra r-risposta;

Ra l-atti kollha;

Bil-proceduri odjerni l-attur qed jitlob lill-konvenuti Daswani Limited u Haresh Daswani , flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu ammont ta' porterage fees u ilma u dawl ghall-kirja ta' fond mid-data ta Frar , 2009.

Il-konvenuti stqarru li ma humiex il-legittmu kontraditturi u li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u dan ghaliex

ghaddew aktar minn hames (5) snin mis-sena elfejn u disgha (2009) minn meta kienu dovuti dawn il-porterage fees u spejjez tad-dawl u l-ilma.

Illi deher **Harish B. Daswani** li stqarr li huwa Direttur ta' Daswani Limited u li huwa awtorizzat biex jirraprezenta lis-Socjeta` konvenuta. Ragesh Dawsani, huh, huwa Direttur ta Daswani Marketing Limited u li dawn is-Socjetajiet ma humiex sussidarji ta' xulxin pero` ghandhom l-istess Diretturi. Ma setghax jiftakar jekk qatx kiteb cheque a favur tas-Socjeta` attrici. Qal li Daswani Limited ma kellhiex x'taqsam ma' Regency House filwaqt li Daswani Marketing Limited kienet tikri post hemm pero` ma setghax jiftakar meta telqet minn hemm.

Illi mill-provi rrizulta illi l-ammonti allegatament dovuti huma datati Jannar u Frar tas-sena, 2009 (ara Dok 'A')

It-Tribunal ra ftehim bejn is-Socjeta` attrici u Rajesh Daswani in rapprezentanza ta' Daswani Marketing Limited- l-ahhar kuntratt vigenti. Il-kuntratt kien datat 4 ta' Novembru (1996).

Ra ukoll ittra ufficjali datata tmintax (18) t' April, 2012 *ai termini* tal-Ittra Ufficjali 166A tal-Kap 12 tal-Kodici ta' Malta mibghuta lil Daswani Marketing Limited.

Ra l-affidavit ta' **Alfred Joseph Baldachino** li ddikjara illi l-fond in kwistjoni kien mikri lil B. Hagwan R. Daswani fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru, 1985 u li wara kien sar kuntratt iehor lill-istess persuna fid- 29 t'Ottubru, 1993. Kien halla t-tmexxija tal-business lill-ibnu Ragesh u infatti kien dan tal-ahhar li kien iffirma l-kuntratt esebit a fol 16 f'isem Daswani Marketing Limited u surreferit. Wara numru ta' snin Ragesh Daswani kien emigra u huh iz-zghir kien jokkupa l-fond minfloku u kien ihallas regolarment pero` dejjem

tardivament. L-ahhar pagament kien sar minn Harish Daswani (ara dok AJB 4). Illi l-hlasijiet saru b'mod regolari sal-ahhar ta' Frar, 2009.

Illi mit-trattazzjoni hareg illi l-kontestazzjoni tal-konvenuti huwa illi l-ftehim ossia l-iskrittura privata ta' lokazzjoni saret bjen partijiet differenti mill-konvenuti u cioe Daswani Marketing Limited u ghalhekk qatt ma kien hemm relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet. Illi di piu anke in vista tal-fatt li ghaddew hames (5) snin u l-ammonti qatt ma 'ntalbu minn dawn il-partijiet l-ammont huwa preskritt.

1. Legittimu kontradittur

Mill-atti jirrizulta illi l-ahwa Daswani kienu t-tnejn Diretturi tas-Socjeta' Daswani Marketing Limited li llum hija xolta.

Jidher illi Haresh mix-xhieda tieghu stess kien Direttur ta' Daswani Marketing Limited. Infatti Haresh ametta li kien Direttur ma' huh f'Daswani Marketing Limited "*also however they are common Directors and one of them is myself and the other one is Ragesh – the Directors of Daswani Marketing Limited*"
Johrog mill-evidenza li Harish Dawani (fuq cheque book ta' Daswani Limited kien jaghmel hlasijiet li jindika lill "WSC".

Huwa principju rikonoxxut illi Diretturi ghandhom jitqiesu bhala agenti jew mandatarji tal-kumpanija li tgawdi personalità guridika u ndipendenti mill-membri li jikkomponuha.

*.... According to law, Directors, in their dealings with the company are the*

*mandataries of, and in their internal dealings with third parties are the Agents of the company. In the former case the general principles of the law of mandate and in the latter case those of the law of agency would apply*[1]

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu *325 (6) tal-kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid:*

*"Notwithstanding that the name of the company has been struck off the register in terms of the preceding provisions of this article, the liability, if any, of every Director or other officer of the company and of every member of the company shall continue and may be enforced as if the name of the company had not been struck off the register".*

Illi ghalhekk Haresh Daswani ghandu jirrispondi ghat talbiet odjerni. Pero' fir-rigward Daswani Limited it-Tribunal ma jistax jghid li hemm xi evidenza li jimplika lis-Socjeta' konvenuta u ghalhekk ihoss li ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**Preskrizzjoni**

I. Illi dan l-ammont huwa pendenti minn Frar, 2009.

Huwa pacifiku li meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni s-Socjeta` attrici tista tikkombattiha b'diversi mezzi u wiehed minnhom huwa specifikatament bl-interruzzjoni, billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili).

[1] (F. Cremona, The Law on Commercial Partnerships in Malta, p. 108)

Illi giet prezentata ittra ufficjali mibghuta lill-Daswani Marketing Limited fis-sena, 2012. Illi t-Tribunal jifhem illi ghalhekk peress illi ntbghatet ittra ufficjali lill-Daswani Marketing Limited din serviet biex tinterrompi l-preskrizzjoni u ghandu jirrispondi ghaliha Harish Daswani skont l-artikolu 325 (f).

Illi ghalhekk il-preskrizzjoni 2156 (f) li hija l-artikolu li japplika ghall-fatti tal-kawza odjerna m'ghandiex applikazzjoni ghaliex il-perjodu gie interrot.

Illi ghalhekk in vista tac-cirkostanzi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-leggitimu kontradittur fir-rigward ta' Daswani Limited u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Min-naha l-ohra pero` jichad l-eccezzjonijiet tal-legittimu kontradittur fil-konfront ta' Haresh Daswani u jichad ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. It-Tribunal jordna t-tkomplija tas-smiegh ta' din it-talba fil-konfront ta' Harish B. Daswani.

**Av. Dott. Katja Psaila Savona, LL.M (Lond.) LL.D.**
**Gudikatur**